## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Dicembru, 2015**

**Talba Nru: 753/2015 DMA**

**Mobisle Communications Limited**
**C 24655**

**Vs**

**Andrews Zoe Kirsty**
**ID 34932A**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi fid-9 ta' Settembru, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta ghandha tghati lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u wiehed u ghoxrin ewro u seba' centezmi (€521.07) in konnesjsoni ma' servizzi ta' telefonija cellular bin-numru 79978182, liema servizzi 79645364 huma migbura fil-kont bin-numru 40406561.

Illi interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta’ din il-kawza.

Il-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u lanqas ipprezenta risposta ghat-talba mitluba kontrih.

Dehret Dr Ingrid Zammit Young ghas-socjeta' attrici li ‘kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ta’ hames mija u wiehed u ghoxrin ewro u seba’ centezmi (€521.07) ghadu dovut.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont ta’ hames mija u wiehed u ghoxrin ewro u seba’ centezmi (€521.07) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata,  sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza  jkunu a karigu tal-konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**